25 ta' Gunju, 1951.

**Imħallfin :**

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.

Ursolina Delicata *versus* John Doublesin ne.

**Testment — Impunjazzjoni — Nullità — Ratifika — Bejgħ — Prova — Art. 1271, 1272, 1273, 1274, u 1275 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Għalkemm it-testment magħmul minn persuna li ma tkunx mentalment kapaċi huwa null, l-istess testment jeżisti materjalment u jissussisti sakemm ma tkunx ġiet dikjarata dik in-nullità li taffettah.*

*Dik in-nullità però mhix ta' ordni publiku, imma ta' interess privat; u għalhekk tista' tiġi sanata bir-ratifika, espressa jew taċita, tat-testment da parti ta' min ikun interessat li jimpunjah.*

*Din ir-ratifika ma timportax ir-rinunzja għall-azzjoni ta' impunjazzjoni ta' dak it-testment ħlief meta tiġi pruvata f'min jagħmilha x-xjenza tal-viżżju li jagħti lok għal dik l-impunjazzjoni.*

*Ir-ratifika ssir taċitament bl-eżekuzzjoni volontarja tat-testment pretiż null, jew b'attijiet oħra li juru l-intenzjoni li jingħata effett għal dak it-testment.*

*Fil-każ ta' testment, bħal fil-każ ta' donazzjoni, ir-ratifika ma hemmx bżonn li ssir per mezz ta' att li jkun rivestit bil-formalitajiet meħ-*

*tiegħu għall-validità ta' l-att ratifikat; imma tista' ssir per mezz ta' atti ta' konferma jew ratifika li jsiru wara l-mewt tat-testatur, jew tad-donanti, mill-werrieta tiegħu jew minn persuni oħra li l-jeddijiet tagħhom ikunu ġejjin mit-testatur jew mid-donanti.*

*Ir-ratifika u sanatorja tat-testment tista' ssir mhux biss meta n-nullità hija bażata fuq nuqqas ta' osservanza ta' xi formalità, imma anki meta t-testment huwa pretiż impunjabili minħabba infermità mentali, jew kaptazzjoni, jew xi inkapaċità legali tat-testatur. Fi kliem ieħor, tista' ssir fil-każijiet kollha. Dak li huwa meħtieġ huwa li l-persuna li għamlet l-atti sanatorji kienet taf, fil-mument li għamlithom, bl-eżistenza tal-vizzju li fuqu tibbaża ruħha l-impunjazzjoni tat-testment.*

*Jekk il-vizzju huwa apparenti, hemm il-preżunzjoni tax-xjenza ta' dak il-vizzju fil-persuna li rratifikat it-testment, b'mod li, jekk din trid timpunjah, taqa' fuqha l-prova li hija ma kienetx taf b'dak il-vizzju meta ssanat it-testment. Jekk, għall-kuntrarju, il-vizzju huwa okkult jew moħbi, allura tipprevali l-preżunzjoni kuntrarja, u l-prova tax-xjenza ta' dak il-vizzju taqa' fuq min irid jipprevalixxi ruħu mill-eżekuzzjoni volontarja tat-testment sabiex jinferixxi minnha r-rinunzja għall-azzjoni ta' impunjazzjoni. U l-prova fil-materja tista' ssir bi kwalunkwe mezz, anki per mezz ta' preżunzjonijiet.*

*Fil-każ preżenti, l-attriċi riedet timpunja testment, fuq il-motiv ta' insanità mentali tat-testatriċi, wara li hija kienet xtrat minn għand l-eredi istitwit b'dak it-testment kwota ta' stabili li kienet ġiet għandu bis-saħħa ta' dak l-istess testment. Ġie pruvat li hija xtrat dik il-kwota ta' stabili minn għand dak il-venditur bħala eredi istitwit b'dak it-testment, u li fil-mument tax-xiri hija kienet taf bil-motivi li fuqhom hija bbażat l-azzjoni tagħha susseguenti biex timpunja dak it-testment. Għalhekk ġie ritenut li dak ix-xiri, f'dawk iċ-ċirkustanzi, kien jammonta għal eżekuzzjoni volontarja tat-testment da parti ta' l-attriċi, li biha ġie sanat il-vizzju li seta' kellu t-testment u ġiet rinunzjata l-azzjoni li hija setgħet kellha biex timpunjah.*

Il-Qorti, — Rat it-talba ta' l-attriċi li, wara li qalet li b'testment "unica charta" pubblikat minn Nutar Victor Miller fit-22 ta' Diċembru 1944 (li kopja informi tiegħu ġiet eżibita u markata dok. "A", b'riżerva li tiġi prodotta kopja awtentika f'każ ta' kontestazzjoni tal-konvenut) l-imsemmija

Mary u John Doublesin istitwew lil xulxin eredi universali reciproci; u li fit-23 ta' Dicembru 1944 (dok. B) mietet l-imsemmija Mary Doublesin; u li dina, meta sar dak it-testment, ma kienetx kapaci u ma kienetx taf x'kienet qiegħda tagħmel; u li l-attrici hija oħt l-imsemmija Mary Doublesin, waħda mill-persuni intitolati skond il-liġi għas-succcessjoni tagħha "ab intestato"; talbet in kontestazzjoni tal-konvenut: (1) Li t-testment fuq indikat, in kwantu jirrigwarda s-succcessjoni ta' Mary Doublesin, jiġi dikjarat null u mingħajr effett minħabba li t-testatrici ma kienetx kapaci u lanqas kienet taf x'kienet qiegħda tagħmel; u konsegwentement (2) is-succcessjoni ta' l-imsemmija Mary Doublesin tiġi dikjarata miftuħa favur l-attrici limitatament għall-kwota li jmissha bħala waħda minn ħutha. B'riżerva ta' azzjonijiet oħra, u bl-ispejjeż kontra l-konvenut, li baqa' inġunt biex jidher ħalli jissubixxi;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, li oppona:— (1) Illi t-testment sar regolari u t-testatrici kienet fil-kapacità mentali li trid il-liġi għall-validità tat-testment, għalkemm gravement marida, u (2) illi t-testment li sar kien l-espressjoni tal-volontà precîża tat-testatrici, kif ipprometta li sejjer jipprova fil-kawża;

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fl-20 ta' Ottubru 1950, li biha ġiet akkolta l-eccezzjoni konvenuta, fissens li bl-att tal-vendita msemmija fil-korp tas-sentenza l-attrici volontarjament eżegwiet u kkonfermat, jew irratifikat, tacitament, it-testment attakkat u msemmi fl-att tac-citazzjoni, u l-azzjoni tagħha konsegwentement hija irricevibili; u ġie ordnat li l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa, dritt tar-reġistru għall-attrici; wara li kkunsidrat;

Illi mill-attijiet tal-kawża jirriżulta li:—

1. Id-decujus Mary Doublesin neè Scicluna, mart il-konvenut, fit-22 ta' Dicembru 1944 għamlet, flimkien ma' żewġha testment "unica charta" per mezz tan-Nutar Victor Miller; minn fejn jidher (ara dok. "A" fol. 5 tal-procèss) illi t-testaturi istitwew u innominaw lil xulxin eredi universali u proprjetarji assoluti (art. 3 ta' l-att ta' l-aħħar volontà);

2. Fl-24 ta' Novembru 1945, fl-attijiet tan-Nutar Dr. Giorgio Borg Olivier, Salvatore u Paolo, Carmela, Giovanna,

Concetta sive Connie, u Agata, aħwa Scicluna, u John Doublesin, il-konvenut, dan l-aħħar imsemmi bħala l-uniku eredi universali, in forza tat-testment fuq imsemmi, ta' Mary Scicluna martu, flimkien u "in solidum", biegħu u ttrasferew lill-Ursolina mart Emmanuele Delicata, neè Scicluna, rispettivament oħt l-aħwa Scicluna u kunjata tal-kumparenti l-oħra, 7/8 mhux maqsuma (peress li r-restanti ottav (1/8) kien jappartjeni lill-istess kumpratriċi) jew kwalsijasi kwota oħra verjuri li l-vendituri kienu jippossjedu flimkien, mill-ewwel appartament tal-fond numru 147, Triq San Duminku, kantuniera ma' Triq San Pawl, il-Belt Valletta, u l-prezz relativ ġie mħallas rispettivament lill-vendituri skond il-kwota li kien kull wieħed minnhom;

3. Illi fit-3 ta' April 1946, Ursolina mart Emmanuele Delicata, ippreżentat l-att taċ-ċitazzjoni odjern, u talbet id-dikjarazzjoni tan-nullità u invalidità tat-testment tad-decujus Mary Doublesin, neè Scicluna, minħabba li t-testatriċi ma kienetx kapaċi u ma kienet taf x'inhija qiegħda tagħmel meta għamlet dawk it-tavoli testamentarji, bil-konsegwenzjali talba li s-suċċessjoni tad-decujus tiġi dikjarata miftuħa favur l-attriċi, limitatament għall-kwota li jmissha bħala waħda minn fost il-werrieta ta' l-istess testatriċi;

Illi minn dawna l-fattijiet ta' indoli ġenerali, u li ma humiex in kontestazzjoni, il-konvenut qajjem l-eċċezzjoni preliminari tar-ratifika ta' l-istess testment, inkwantokkè bl-att tal-bejgħ fuq imsemmi huwa, li deher fih bħala wieħed mill-vendituri, in kwantu li kien eredi assolut tad-decujus in forza tat-testment fuq imsemmi tal-kwota ta' l-istess testatriċi, b'dak l-att ġie rikonoxxut bħala tali, u di fronti għal dana l-fatt ratifikatorju ta' l-istess testment l-azzjoni attriċi, skond il-kontestazzjoni tiegħu, tinsab newtralizzata u għandha tkun respinta, peress li l-attriċi, in vista ta' dak li sar, mhix aktar fid-dritt li timpunja t-testment tad-decujus;

Illi l-kawżali addotta mill-attriċi sabiex timpunja t-testment ta' oħtha, kif jirriżulta mill-provi prodotti in sostenn tat-talba, hija l-insanità mentali prodotta mill-infermità ta' l-istess menti tad-decujus, dovuta għall-marda li kellha, u ċjoè in konsegwenza ta' stat aċċidentali. Dina l-kwerela tabilħaqq, jekk il-menti tad-decujus u testatriċi kienetx insana

sal-punt li l-marda li minnha kienet affetta irrendietha inkonxja ta' l-attijiet li kienet qieghda taghmel (fil-waqt li ghamlet l-ahhar tavoli testamentarji) jew le, hija indubbjament "quaestio facti". Intatti l-kondizzjoni tal-ġisem tat-testatur, sew jekk ikun b'sahhtu sew jekk ikun marid, sew jekk ikun ġuvni sew jekk ikun imdahhal fiż-żmien, sija jekk ikun jista' jitkellem kemm jekk ikun tilef il-kelma u l-vista, ma ghandhomx x'jaqsmu jekk dak it-testatur ikun ta' menti sana fil-waqt li huwa jnizzel jew jiddetta, jew ahjar jaghmel, l-att ta' l-ahhar volontà tieghu;

Illi jinghad ukoll li min jallega l-inkapaċità ta' testatur li jiddisponi b'testment irid jippruvaha, u dina l-prova tista' ssir tant per mezz tax-xhieda kemm per mezz ta' preżunzjonijiet, non ostanti li n-nutar li jkun ippublika l-att kif irid l-istil notarili, ikun iddikjara fl-istess tavoli testamentarji li d-decujus ikun ta' menti sana; l-ghaliex l-awtorità tieghu "ex officio" hija limitata ghal dak li jirrigwarda l-enunċjazzjonijiet li jikkonċernu l-adempiment tal-formalitajiet preskritti mil-liġi (ara Duranton, Volum VIII, paragrafu 157; Troplong, II, 472; u Demolombe, Vol. XVIII, 365);

Illi l-infermità tal-menti tat-testatur fil-mument li jkun ghamel it-testment tinfiċja dak l-att ta' l-ahhar volontà; u huwa indifferenti jekk dika l-infermità mentali tkunx jew le permanenti ghal dak l-effett u dik il-konsegwenza ġuridika;

Illi wara li nqalghu dawna l-prinċipji ta' indoli preliminari, u li ghandhom valur ghas-soluzzjoni tal-kwistjoni preliminari, jinghad li ghalkemm testment maghmul minn persuna li ma tkunx ta' menti sana, jew li tkun ta' menti inferma, huwa assolutament u skond il-liġi null, eppure, qabel ma tiġi dikjarata dik in-nullità li tkun taffettah, bhala att l-istess ikun "materjalment" jeżisti u jissussisti;

Illi n-nullitajiet ġeneralment jirpużaw fuq kawżi gravi ta' interess publiku. Dawn l-ahhar imsemmija huma dawk li ghandhom bhala kawża prinċipali u primitiva l-interess ta' kulhadd, u ma jistghux jiġu sanati bil-kunsens tal-partijiet direttament interessati fl-att; l-ghaliex il-liġi tirreżisti bla interruzzjoni u kontinwament minnha nnifisha ghall-validità taghhom biex tirritenihom bhala nulli u tirriduċihom ghal fatt pur u veru li ma jistax jiġi ratifikat jew konfermat, in

forza ta' l-aforisma illi "Privatorum conventio juri publico *non derogat*" (L. 45, Digesto "De Regulis *Juris*"); salv, ma hemmx bżonn jingħad, li dak l-istess interess publiku impona bil-liġi pożitiva, bit-*termini* tal-preskrizzjoni, li jissanaw anki nullitajiet simili meta jispiraw u jgħaddu l-istess termini *mniżżla*, skond l-ipotesi li tkun, fil-liġi, li mħabba *fl-utilità* publika, u sabiex l-interess ġenerali *taċ-ċittadini* dwar l-istabilità ta' l-operazzjonijiet ma tkunx disturbata, ġew proposti u sanzjonati mil-leġislatur;

Illi huwa risaput li l-leġislaturi mhux dejjem qagħdu u osservaw il-prinċipji xjentifiċi; u ħafna drabi ddettaw id-*dispożizzjonijiet* tal-liġi pożitiva fuq l-interess u l-*utilità* anzikkè fuq il-ġjus. Mill-banda l-oħra, in-nullitajiet (jingħad dejjem in tema ġenerali tad-dritt) li huma bażati fuq l-interess privat jistgħu jiġu sanati bir-ratifika, espressa jew taċita, in *forza tal-prinċipju legali li "Unicuique licet juri in suum favorem* introducto renuntiare";

Illi ma hemmx kwistjoni li n-nullità addotta hija nullità bażata fuq l-interess privat, u mhux fuq l-ordni jew l-interess *publiku;*

Illi għall-finijiet ta' l-eżami u deċiżjoni ta' l-eċċezzjoni preliminari ta' l-irriċettibilità ta' l-azzjoni odjerna, huwa tajjeb li jingħad li, kif jista' jidher mid-dispożizzjonijiet imdaħħla taħt it-*Titolu* "Fuq ir-Rexissjoni tal-Kuntratti" fil-Kodiċi Civili Tagħna (ara art. 1252-1275), f'dawk l-istess *dispożizzjonijiet* hekk intestati l-leġislatur tagħna ikkontempla promiskwament anki l-każijiet tan-nullità (ara Touillier, Corso di Diritto *Civile Francese*, Vol. IV, paġina 244, paragrafu *543*);

Illi lanqas ma huwa ożjuż, anzi huwa *utili*, li *jingħad* li mentri l-leġislatur fl-art. 1271 tal-Kodiċi Civili, fuq l-iskorta ta' dak li jgħallem l-istess Touillier (ara opra ċitata, Volum *IV*, paġina 254, paragrafu 563), iffissa u stabbilixxa n-natura u l-effetti tal-konferma u ratifika *ta' obligazzjoni li kontra* tagħha l-liġi tammetti l-azzjoni jew *ir-rexissjoni* għan-nullità jew kawżi oħra, u fl-art. 1272 ta' l-istess Kodiċi ddispona li l-konferma jew ratifika ma timportax rinunzja ħlief meta jiġi *pruvat* f'min jikkonferma jew jirratifika x-xjenza tal-vizzju li jkun jagħti kamp jew lok għall-azzjoni, kif ukoll fl-art. 1273

ried u haseb li l-konferma jew ratifika tista' ssir tacitament bl-eżekuzzjoni volontarja ta' l-obligazzjoni li kontra tagħha l-liġi tagħti u takkorda l-azzjoni ta' rexissjoni, jew b'attijiet oħra *li juru l-intenzjoni li jingħata effett għall-obligazzjoni fuq imsemmija*; mill-banda l-oħra, bħala eċċezzjoni għar-regola mniżżla *fl-art. 1271*, haseb u ried, fl-art. 1274, li l-konferma jew ratifika ta' l-att li l-liġi "expressis" tannulla għal difett ta' "formalitajiet meħtieġa "ad substantiam", sabiex l-istess att jiġi sanat u jissewwa, irid hekk jiġi mwettaq jew ratifikat b'att ieħor li jkollu l-formalitajiet meħtieġa—dak li fid-dottrina, għalkemm impropriament, jissejjaħ titolu konfermativ—sabiex jiġi distint mit-titolu rikonjitiv u primordjali (ara *Pigeau, Procedura Civili, Volum II, pagna 156 u ta' wara*). Dan l-aħħar artikolu fuq ċitat huwa mbagħad limitat u ċirkoskritt mid-dispożizzjoni maħsuba fl-art. 1275, fejn jingħad li d-dispożizzjoni ta' l-art. 1274 ma tgħoddx għal każijiet ta' twettiq jew ta' ratifika ta' donazzjoni jew ta' dispożizzjoni b'testment magħmula wara l-mewt tad-donatur jew testatur mill-werrieta tiegħu jew minn persuni oħra li l-jeddijiet tagħhom ikunu ġejjin mid-donatur jew testatur; u f'dan il-każ it-twettiq jew ratifika, għalkemm ikunu ġew magħmula tacitament mill-werrieta jew minn dawk il-persuni l-oħra, iġibu r-rinunzja tagħhom għall-azzjoni jew eċċezzjoni għar-rexissjoni;

*Illi d-dispożizzjoni fuq* imsemmija ta' l-art. 1275 tikkorrispondi sostanzjalment għall-art. 1311 tal-Kodiċi Ċivili Taljan ta' l-1865 (ara Appell 21 ta' Jannar 1935 u Prim'Awla Ċivili tal-11 ta' Ġunju 1934, rispettivament publikati fil-Vol. XXIX, Parte I, pagina 70, u Volum XXVIII, Parte II, paġina 610, in re "Carla Rapinett vs. Gioacchino Mifsud nomine"), kif ukoll, bejn wieħed u ieħor, għalkemm l-istess *isemmi biss id-donazzjonijiet*, għall-art. 1340 *tal-Kodiċi Ċivili* Franċiż; li mid-dottrina u ġurisprudenza franċiża ġie estiż ukoll *għat-testmenti* (ara Solon, "Delle Nullità", paragrafu 338 u ta' warajh; Zachariae, "Corso di Diritto Civile Francese", Volume III, paragrafu 434 nota 13, u paragrafu 416 nota 10; Gremier, "Delle Donazioni e Dei Testamenti", numru 224; Duranton, Tomo 9, nri. 12 u 174);

Illi d-dispożizzjoni ta' l-art. 1275 tal Kodiċi *Ċivili hija* ndubbjament eċċezzjonali, għaliex tikkontjeni deroga għall-

liġi ġenerali miktuba u mrożżla fl-art. 1274 ta' l-istess Kodiċi Ċivili. Infatti dan l-aħħar artikolu msemmi jitkellem fuq ir-"ratifika ta' l-atti li l-liġi espressament tannulla", b'mod li taħt dik il-kelma "ratifika" anki l-materja tad-donazzjoni jew tat-testment hija kompriża u taqa' taħt ir-regola tad-dritt ħemm dedotta—regola li tivvinkola fil-ħajja tagħhom lill-istess donanti u lill-istess testatur. Imma dika r-"regula juris" bl-eċċezzjoni apportata mill-artikolu 1275, li jitkellem fuq l-eżekuzzjoni jew konferma u ratifika mill-parti ta' l-eredi jew aventi kawża, teżimi u teżenta lis-suċċessuri u aventi kawża mill-osservanza tagħha; l-għaliex il-leġislatur fil-konfront tagħhom ma riedx jindaħal fid-dritt tagħhom bażat fuq l-interess privat u partikulari, fejn u f'liema kamp għandha tipprevali normalment il-libertà personali radikata fuq konsiderazzjonijiet ta' indoli morali, u ta' utilità u ta' interess mhux ġenerali;

Illi kwindi, kontra r-regola ta' l-art. 1274, fejn jipprevali l-prinċipju "Quod nullum est nullum producit effectum", insorġa l-leġislatur għal motivi ta' vantaġġ, interess u utilità superjuri għal dawk tal-"ġjus" dwar ir-ratifika jew konferma tad-donazzjonijiet u dispożizzjonijiet testamentarji mill-parti ta' l-eredi u aventi kawża. Jingħad, għal dak li jista' jkun, illi taħt id-diċitura "eredi u aventi kawża" jidħlu mhux biss l-eredi istitwiti, kif ukoll il-leġittimarji, li skond il-liġi tagħna ma humiex eredi, peress li lilhom hija riżervata biss "quota bonorum" u mhux "quota haereditatis", imma anki l-eredi eventwali li kienu jkunu msejħin skond il-liġi kieku d-dispożizzjoni testamentarja kontestata kellha tiġi annullata (ara Kassazzjoni Torin, 15 ta' Frar 1902, in re "Maino vs. Cereseto". Annali della Giurisprudenza Italiana, Volume XXXVI, Parte I, paġina 189);

Illi fid-dottrina u l-ġurisprudenza għadha ħajja l-kwistjoni kontroversa jekk id-dispożizzjoni ta' l-art. 1311 tal-Kodiċi Taljan, li in sostanza taqbel ma' l-art. 1275 tal-Kodiċi Ċivili Tagħna, kif intqal fuq, hijiex eċċezzjonalment imposta biss għad-donazzjonijiet u dispożizzjonijiet testamentarji, u li dwarhom ikun hemm inosservanza ta' formalitajiet; imma fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza tagħna u dik kontinentali fejn hemm dispożizzjoni sostanzjalment ugwali għal tagħna, għandu jiġi

ritenut li s-sanatorja per mezz ta' ratifika, konferma jew eżekuzzjoni volontarja ta' testment jew ta' donazzjoni, hija wkoll applikabili fil-każ ta' impunjattiva ta' att għal pretiża infermità tal-menti, jew għal kaptazzjoni, jew għal inkapaċità legali tat-testatur derivanti minn nuqqas ta' l-età jew mill-interdizzjoni, u ċjoè in ġenerali minn nullitajiet dipendenti mill-interess privat (ara Prim'Awla Ċivili 7 ta' Jannar 1891 in re "Gioacchino Caruana nomine vs. Vincenzo Depiro et.", Volume XII, pag. 566 u ta' wara; Annali tal-Ġurisprudenza Taljana, Appell Venezia 28 ta' Frar 1889 in re "Mussetto vs. Marzari u Chimlotto", Volume XXIII, Parte III, pagina 215 u ta' wara; Kassazzjoni Torin 15 ta' Frar 1902, in re "Maino vs. Cereseto", Volume XXXVI, Parte I, pag. 189; Kassazzjoni Torino 3 ta' Frar 1875, in re "Ballini vs. Caporali et.", Volume IX, pagina 299; u Monografija ta' l-Avukat Cesare Losana dwar is-Suċċessjoni Testamentarja, paragrafu 334, pagina 139, Digesto Italiano, Volume 22, parte IV);

Illi din l-opinjoni hija konfortata u korroborata mill-konsiderazzjonijiet segwenti;

1. Illi l-art. 1275 tal-Kodiċi Ċivili, meta ssanzjona dwar id-donazzjoni u d-dispożizzjonijiet testamentarji l-eċċezzjoni għan-normi dettati fl-artikoli preċedenti, ma għamel ebda distinzjoni bejn nullità u annullabilità, bejn att null b'mod assolut jew att sempliċement annullabili; iżda stabbilixxa li l-konferma, ratifika, jew eżekuzzjoni volontarja, tinkludi u timporta rinunzja għall-azzjoni jew anki għall-eċċezzjoni tar-rexissjoni—kliem li jimpurtaw indubbjament eċċezzjonijiet tas-sostanza, bħalma hija l-inkapaċità, id-difett tal-kunsens għall-infermità mentali, kaptazzjoni et similia; u fil-każ in konkret huwa ta' min jgħid ukoll li t-testment tad-decujus materjalment jeżisti, u mhux attakkat ta' falsità, u qiegħed biss jiġi attakkat fuq il-pretensjoni talli huwa infett minn vizzju,—liema vizzju jista' jiġi rimoss u mqiegħed fil-ġenb bil-konferma espressa jew taċita in bażi għal-aforiżmu legali fuq imsemmi f'din s-sentenza;

2. Illi l-konċett li jinforma l-art. 1275 huwa radikat fil-fatt li l-eredi u kwalunkwe aventi kawża, fis-sens li fuq għà ntqal, li jkun eżegwixxa t-testment, ma jirrinunzjax biss għall-oppożizzjoni tal-vizzju tal-forma, iżda għal kwalunkwe

vizzju iehor naxxenti minn eċċezzjoni ta' rexissjoni, u jirrinunzja wkoll għall-iskop li dawk l-eċċezzjonijiet huma ntiżi għalih, *id est*, li jiġu dikjarati nulli jew id-donazzjoni jew it-*testment*, skond l-ipotesi li tkun in diskussjoni, *auki fil-każ* ta' vizji inerenti għal dawk iż-żewġ istituti;

3. Illi b'dak l-artikolu l-leġislatur ried jissagrifika r-rigur tal-prinċipji ġuridiċi, tant il-għaliex ried jonora l-iskop morali li jista' jkollhom l-eredi jew aventi kawża bir-ratifika, konferma jew eżekuzzjoni volontarja, kemm *il-għaliex* huwa (il-leġislatur) jieħu in konsiderazzjoni kbira dejjem l-interessi u jikkontrapponi għall-"gius" l-"utilitas", sabiex jevita l-perikoli u l-konsegwenzi preġudizzjevoli disturbatriċi li minnhom *jistgħu jitnisslu kieku tipprevali bla limitazzjoni u b'mod* assolut ir-regola komuni u r-regola xjentifika;

Illi kwindi, minn dan li ntqal fuq, l-ewwel żewġ kwereli oppożitorji ta' l-attriċi, sabiex tiġi respinta l-eċċezzjoni konvenuta, ma jimmeritawx li jkunu milqugħa, u għandhom ikunu respinti;

Illi jibqa' li tara jekk it-tielet *oppożizzjoni* għalbiex tiġi miċħuda l-eċċezzjoni tal-konvenut għandhiex jew le bażi. Dina l-kwistjoni kollha kemm hi mhix ta' natura legali, iżda "di fatto". kif diġà ġie aċċennat fuq fil-korp ta' din is-sentenza;

Illi huwa ta' ġjovament li jiġi premess li l-liġi bi kliem appożiti fl-art. 1275 tal-Kodiċi Ċivili, "twettaq" (konferma) jew "ratifika", u "it-twettiq jew ratifika għalkemm ikunu ġew magħmula taċitament", ikkomprendiet u ħaddnet tant il-konferma kemm ir-ratifika espressa, kif ukoll il-*konferma u ratifika* taċita;

Illi r-ratifika jew *konferma* espressa tavvera ruħha meta tkun hemm rinunzja bil-fomm jew bil-miktub tad-dritt li xi ħadd ikollu li japprofitta jew jieħu u jkollu ġjovament minn xi nullità, tant tal-forma kemm tas-sustanza, *skond* l-art. 1272 Kodiċi Ċivili; u sabiex il-konferma jew ratifika tkun tista' timporta r-rinunzja ta' l-azzjoni ta' rexissjoni irid jiġi pruvat li min wettaq jew irratifika jrid ikun jaf bid-difett li jagħti jedd għal dika l-azzjoni;

Illi mill-banda l-oħra, ir-ratifika taċita titnissel mill-fattijiet jew attijiet li neċessarjament ikunu jippresupponu fil-persuna li tgħaddi għalihom (għal dawk l-istess fattijiet jew atti-

jiet) l-intenzjoni tar-rinunzja għall-mezzi li huwa għandu jew jista' jkollu sabiex jara li tiġi annullata l-obligazzjoni (ara art. 1273 tal-Kodiċi Ċivili). Dawk l-attijiet u fattijiet għandhom il-valur li jaru "per sè" il-volontà ċara, mill-parti tal-persuna li tagħmlu lhom, ta' l-eżekuzzjoni volontarja ta' l-istess obligazzjoni fil-kontenut tagħha;

Illi minn dan għandna li, tant fil-konferma jew ratifika espressa kemm f'dik taċita (fejn il-liġi titkellem dwar l-eżekuzzjoni volontarja, u kwindi hija presupposta x-xjenza tal-vizzju), irid ikun hemm, biex iseħħu għall-effetti tagħhom, ix-xjenza tal-vizzju; u għalkemm fl-art. 1275 tal-Kodiċi Ċivili ebda menzjoni ma saret ta' dak li ntqal dwar dik ix-xjenza, kif jidher dwar l-obligazzjonijiet fl-art. 1272 u 1273, eppure, in forza tal-kanoni ta' interpretazzjoni li jgħid li "incivile est, nisi tota perspecta lege, una aliqua particula ejus proposita, judicare vel respondere", id-dispożizzjoni ta' l-art. 1275 u dawk ta' l-art. 1272 u 1273 tal-Kodiċi Ċivili, għandhom jittieħdu fil-kumpless tagħhom, u viċendevolment għandhom jiġu nterpretati, b'mod li, anki dwar il-konferma jew ratifika espressa jew taċita msemmija fl-art. 1275, ix-xjenza tal-vizzju trid tkun—apparti l-volontà libera—nota lill-konfermanti sabiex dawk ir-ratifiki jistgħu jkollhom saħħa u effett legali (ara Solon, op. ċitata, paragrafu 410; Toullier, Tomo IV, paragrafu 504; Larombiere, "Theorie des obligations", komment għall-art. 1339, Vol. IV, paġina 382 u ta' wara, u in partikulari paragrafu numru 35; u Demolombe, "Contracta", Volume VI, nru. 774; u Paoli, Giornale delle Leggi, anno VIII, numru 27). Del resto, skond id-Dritt Ruman, "voluntas non fertur ad incognita";

Illi fuq l-iskorta ta' dawn il-prinċipji ta' indoli legali, u eskluża mill-ewwel l-ipotesi li fil-każ in diżamina seta' kien hemm konferma jew ratifika espressa, għandhom jiġu eżaminati l-fattijiet u attijiet li minnhom il-konvenut jippretendi li seta' kien hemm eżekuzzjoni volontarja taċita li tista' timporta rinunzja għall-azzjoni odjerna;

Illi l-argumenti tal-konvenut sabiex isostni l-eżekuzzjoni volontarja ta' l-attriċi, li timporta l-irriċettibilità ta' l-azzjoni odjerna, huma pogguti fuq l-att tal-bejgħ li sar fl-attijiet tan-Nutar Dr. Giorgio Borg Olivier ta' l-24 ta' Novembru 1945,

u ċjoè (a) il-ħlas tal-prezz u korrispondenza tal-kwota li l-konvenut, bħala eredi ta' martu, ittrasferixxa lill-attriċi, u (b) il-fatt li fil-provenjenza ta' dik il-kwota ssemma li l-istess kienet giet lilu m't-testment konġuntiv li l-konvenut u martu kienu għamlu, u minn fejn jidher, kif intqal fuq, li huma kienu ħallew lil xulxin eredi assoluti u proprjetarji ta' ħwejjigħom kollha. Mill-banda l-oħra, l-attriċi, sabiex tirribatti l-argumenti tal-konvenut, li fil-verità jirraġġiraw ruħhom fuq il-kwalità ereditarja tiegħu, qalet fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħha li hija, qabel ma għamlet l-akkwist, ikkonsultat ruħha man-nutar, u żewġha ffirmah "mandatario nomine", wara li giet assikurata li b'dak l-att ma kienux sejrin jiġu preġudikati d-dritt jiet tagħhom li jimpunjaw aktar 'il quddiem it-testment tad-decujus; u fissret ukoll li n-nutar kien qalilhom li huwa kien sejjer jikkonċepixxi, jew aħjar jadatta, diċitura partikulari fil-kuntratt, b'mod li, anki jekk jiġi annullat t-testment, il-kuntratt u l-bejgħ kienu sejrin jibqgħu sħaħ. Bħala komprova ta' dan li ntqal, l-istess attriċi qalet li l-kliem tal-kuntratt "jew kwalsijasi kwota oħra li ħimkien jippossjedu mill-appartament" ġie appożitament adoperat, u l-istess kliem ma setax koilhom ħlief dak is-sinifikat tal-konċett li kellhom f'rashom; u barra minn dan fissret ukoll li hija qatt ma kellha l-idea tirrinunzja għad-dritt ta' l-impunjazzjoni tat-testment, u fin-nuqqas ta' dika l-intenzjoni ma jistax ikun hemm ebda rinunzja taċita għal dik l-azzjoni impunjativa;

Illi kkunsidrat li dottrinalment il-kwistjoni dwar lil min, fil-każ ta' ratifika jew konferma, jew eżekuzzjoni volontarja, tinkombi l-prova tax-xjenza tal-vizzju, l-istess hija kwistjoni oħra kontestata ħafna, u l-parir u l-opinjonijiet ta' l-awtoritajiet huma varjanti. L-"onus" ta' dik il-prova f'materja ta' testment jiddependi minn natura tan-nullità u li in virtù ta' l-eżekuzzjoni volontarja trid tiġi ripetuta, sanċita jew sanata, u mwettqa. Infatti jekk il-vizzju li jkun jista' jingħad li huwa apparenti (per eżempju nuqqas ta' firma tan-nutar fil-qiegħ tat-testment, jew nuqqas tal-firma tat-testatur meta jaf jikteb u ma kienx prekluż milli jiffirma), il-preżunzjoni li għandha tipprevali, skond il-ħsieb loġiku u naturali, hija riversata fuq il-parti li tkun eżegwiet l-att null wara li tkun rat l-att

originali vizjat bil-forma (l-għaliex jekk tkun rat biss ir-reġistrazzjoni ta' l-att, skond il-liġi tagħna ammessa, u f'dik ir-reġistrazzjoni ma jkunx jidher il-vizzju, il-preżunzjoni ma jkollhiex saħħa), fis-sens li l-oneri tal-prova li dik il-persuna fil-verità ma kienetx u ma setgħetx tkun taf b'dak l-iżball jew vizzju apparenti jrid isir minnha. Jekk il-vizzju li minnu titnissel in-nullità jkun moħbi jew okkult (per eżempju li l-att ikun falsifikat, jew li l-att ikun infett minn nuqqas ta' kapaċità mħabba infermità mentali, jew minħabba imbeċillità tat-testatur mhux interdett), allura għandha tipproċedi u jkollha setgħa l-preżunzjoni kuntrarja għal dik li ntqalet fuq; u jkun jinkombi, lil min irid jipprevalixxi ruħu mill-eżekuzzjoni, sabiex jinduċi u jinferixxi r-rinunzja, il-piż jew l-"onus" li juri li l-vizzju okkult jew moħbi kien konoxxut mill-eżekutant. B'dana l-mod, fost l-opinjonijiet diskordi, Solon, fit-trattat tiegħu tan-nullitajiet wasal għal dina l-opinjoni konċiljativa (ara l-awtur imsemmi, opera ċitata, Kap. XVI, Della Ratifica, paġine 284-360, u partikolarment il-paragrafu 413 u ta' wara, paġina 318 u segwenti) imħaddna a preferenza ta' teoriji oħra;

B'din is-soluzzjoni ġiet hekk skartata tant l-opinjoni assoluta tal-Merlin, li jirritjeni li x-xjenza tal-vizzju ma tiġi preżunta qatt fl-eżekutur, u li kwindi l-"onus" jinkombi dejjem u esklużivament lil min irid japprofitta mit-testment null, kif ukoll tiġi wkoll imqiegħda fil-ġenb l-opinjoni kuntrarja — ugwalment assoluta— tat-Touillier, li, għalkemm jammetti li x-xjenza tal-vizzju preċedenti għall-eżekuzzjoni volontarja hija neċessarja fl-eżekutur sabiex ikun hemm konferma jew ratifika kompleta, igħid u jaħseb li dina x-xjenza għandha tkun preżunta, u li kwindi l-fatt ta' l-eżekuzzjoni volontarja huwa biżżejjed per sè u waħdu sabiex tiġi indotta r-ratifika taċita, sakemm l-eżekutur ma jippruvax li huwa kien jinjora l-vizzju, u li kwindi jrid juri bil-provi li huwa ma kellux f'rasu, u lanqas seta' kellu fil-menti tiegħu jew l-animu tiegħu, il-ħsieb li jwettaq u jikkonferma l-att null "de quo";

Fil ma hemmx bżonn jingħad li dina l-prova tista' ssir bil-mezzi kollha probatorji li tammetti l-liġi "di rito", mhux

eskluži l-preżunzjonijiet, li, jekk ikunu ta' saħħa tali li jikkonvinċu l-animu tal-ġudikant, għandhom jiġu akkolti;

Illi mhux presum bili li l-attriċi u żewġha, li kienu fl-intimità mad-decujus u joqgħodu ftit 'il bogħod minnha, ma kienux jafu, sija direttament kemm per mezz ta' l-istess ħuthom, iċ-ċirkustanzi u żvolġiment tal-marda tagħha, kif ukoll l-istat tagħha fil-waqt tal-mewt u ftit qabel il-mewt, meta hija għamlet l-aħħar dispożizzjoni tagħha. Infatti r-raġel ta' l-attriċi jammetti li bejn it-23 ta' Diċembru 1944, jum meta ġiet nieqsa d-decujus, sal-24 ta' Novembru 1945, jum meta sar il-kuntratt tal-bejgħ "de quo", barra milli għadda ħafna żmien, l-interessati kienu tħaddtu bejniethom fuk il-kwistjoni............... Dawn il-fattijiet iġibuna għall-konsegwenza leġittima u naturali induttiva illi meta l-attriċi għaddiet għall-att tal-bejgħ insemmi kienet taf, kif kien jaf żewġha (u flimkien huma "duo in carne una") li t-testment kien reprensibili u kien imtabba' bil-karattru tan-nullità li qegħdin jallegaw il-lum; b'mod li l-vizzju ma kienx aktar okkult għaliha. Jekk l-attriċi, kwindi, għaddiet għall-eżekuzzjoni ta' dak it-testment fil-pjena konjizzjoni tal-kawża, l-eżekuzzjoni materjali tiegħu indubbjament timporta eżekuzzjoni materjali taċita li tivvulnera u tipprekludi lilha mill-azzjoni ta' l-impunjazzjoni ta' dak it-testment;

Jista' jingħad li l-attriċi u żewġha kellhom biss dubju fuq ir-riprensibilità ta' dak l-att ta' l-aħħar volontà tad-decujus; però dana l-argument jitlef is-saħħa tiegħu meta jiġi kunsidrat li jekk l-attriċi kel'ha biss dubju fuq il-provi li hija kellha — u nafu li kellha a konjizzjoni tagħha qabel il-kawża — il-lum, li għamlet il-kawża ta' l-impunjativa tat-testment, u li nafu li ma ġiebitx 'il quddiem ħlief dawk l-istess provi li hija u żewġha kellhom fil-pussess tagħhom qabel l-istess bejgħ, huwa leċitu li jingħad li hija tirritjeni dawk l-istess provi ta' effikaċja u potenza tali sabiex hija tiġi proklamata fid-dritt li twaqqa' dak l-istess testment. Fi ftit kliem, iċ-ċertezza tal-lum hija konferma taċ-ċertezza ta' allura dwar il-provi kapaċi, fil-menti ta' l-attriċi u żewġha, li jannullaw dak l-istess testment;

Illi ntqal, b'konsiderevoli enfasi ta' l-attriċi, illi l-istess attriċi u żewġha, qabel ma għaddew għall-att tal-bejgħ, ik-

kónsultaw uħhom man-Nutar............... Imma dik l-affermazzjoni — apparti li n-Nutar konsultur ma ġiex prodott bħala xhud — mix-xhieda tar-raġel ta' l-attriċi ma tidherx li hija korretta; l-għaliex dak ix-xhud importanti (ir-raġel ta' l-attriċi) ħafna ma qalx li huwa kien semma lin-nutar imsemmi li huwa kien sejjer jimpunja t-testment, imma wrieh biss il-preokkupazzjoni tiegħu li l-akkwist li kien sejjer jagħmel "procuratoris nomine" f'isem il-mara tiegħu seta' jaqa' jekk jiġi impunjat it-testment, u huwa ried ikun żgur — tant kellu interess li jakkwista — li jibqa' sħiħ anki f'dik l-eventwalità possibbli; li hija ħaġa ben diversa minn dak li ġie sostnut.................;

Tabilħaqq, jista' hawn jiġi rammentat — l-għaliex jista' jkun spjegazzjoni tal-preokkupazzjoni ta' l-attriċi u żewġha, espressa lin-nutar imsemmi — il-fatt li l-istess xhud qal li bejn l-interessati fit-testment tad-decujus, fl-intervall bejn il-mewt tagħha u d-data tal-vendita, kien sar ħafna diskors fuq il-kwistjoni li kienet naturalment tippreokkupahom, u huwa possibbli u skond il-ħsieb ordinarju tal-ħajja li f'dawk id-diskorsi xi ħadd mill-interessati, li setgħet ma kienetx l-attriċi, kien wera l-intenzjoni manifesta li jimpunja dawk l-istess tavoli testamentarji..............; u l-attriċi, li kienet taf b'dana, riedet li l-bejgħ li kienet sejra tidħol għalih f'dik l-eventwalità ma jaqax bħala konsegwenza;

Illi sabiex ikun jista' jingħad jekk l-attriċi riedetx jew le, b'dak li kien a konjizzjoni tagħha u ta' żewġha dwar it-testment qabel l-akkwist, tikkonferma jew tirratifika taċitament dak l-istess testment, huwa tajjeb li jiġu mqiegħda fil-miżien tal-ħsieb l-interess li kellha li timpunja t-testment u l-interess li kellha li takkwista l-porzjonijiet tal-fond li akkwistat. Jekk fil-mument ta' l-akkwist l-interess li takkwista kien fiha aktar impellenti, potenti u effikaċi, minn dak li timpunja t-testment, fuq il-provi li għidna li kellha f'idejha u li avanzat il-lum, l-att tagħha kien ċertament eżekuzzjoni volontarja li għandha s-setgħa tissana kwalunkwe nullità. Li dan kien il-każ jidher mill-fatt li hija għaddiet għax-xiri tal-kwota msemmija minn għand il-konvenut bħala li kien werriet skond it-testment il-lum impunjat, bla ebda mill-parti tagħha protesta jew riżerva;

L-awtorevoli Domat, fl-opera tiegħu "Le Leggi Civili", Parte I; Libro IV, Tit. IV, sezzjoni 2, paragrafu numru 23, fin-nota, hekk jissuġġerixxa li għandu jsir sabiex ma jkunx hemm preġudizzju, non ostanti li fil-każ konkret minnu kontemplat għall-fatt'zzi partikulari tal-persuna u ċirkustanzi, irsolva l-kwistjoni favur l-eżekutanti, billi qal li dika l-eżekuzzjoni kienet ekwivoka u neċessarja, u kieku f'dak il-każ l-eżekutant ma għamelx li għamel seta' jiġi kompromess. Jibqa' però validu l-pa'ir li ta. Infatti huwa jgħid :— "L'erede nel riscuotere un pagamento di cotal fatta (il-każ kontemplat mill-awtur innsemmi kien ta tifel minorenni li aċċetta l-eredità paterna fil-minorità, u mbagħad, meta sar maġġjorenni, ikkostringa lil xi debitur iħallas, hema eżekuzzjoni, għarraġunijiet li ntqalu fuq. ġiet riżoluta favur l-eżekutant li ġie ritenut, għal dawk l-istess raġunijiet, illi huwa ma tilefx l-azzjoni tar-restituzzjoni "in integrum" b'dik l-aċċettazzjoni) "provvederebbe meglio alla conservazione del suo diritto, facendo alcun atto di protesta". Del resto, jingħad li, indipendentement mill-protesti u riżervi, ir-regola li "facta potentiora sunt verbis et actus protestationi contrarius tollit protestationem" hija b'żżejjed ta' saħħa sabiex twettaq u tikkonferma li eżekuzzjoni kuntrarja għall-att, li għalih min għamlu mhux tenut, jimporta vera u proprja ratifika perfetta ta' dak l-att. Infatti, id-diċitura inġenjuża attribwita lin-nutar li għamel l-att tal-bejgħ, fis-sens ta' l-appożizzoni fal-kliem "jew kwalsijasi kwota oħra verjuri" wara l-kliem "ibiegħu u jittrasferixxu flimkien u solidalment........... seba' ottavi indiviżi". hija per sè ozjuża. meta mill-kontenut ta' l-istess kuntratt jirriżultaw aċċertati l-kwota li kellhom il-vendituri, u meta mill-provenjenza tirriżulta ċar l-istorja tal-passaġġi ta' kull kwota minbjugħa, bla ebda espressjoni li setgħet turi xi dubbjezza jew kontestazzjoni dwar l-istess kwoti kjarament fissati u ġustifikati bil-provenjenza. Barra minn dan, dik l-espressjoni u dik id-diċitura, weħedha, bla ebda spjegazzjoni "di fatto" tagħha, hija, fil-ħsieb tal-Qorti, legalment inopportuna u "di mero stile";

Jingħad ukoll li l-vendita ta' l-oġġetti komuni saret millvendituri solidalment u flimkien bla partijiet distinti, b'mod li dik id-diċitura ma taqbelx ma' dik il-konġunzjoni. Anki

kieku dik l-espressjoni kellha tiġi interpretata bħala riżerva sempliċi jew protesta — dak li d-diċitura tagħha indubbjament teskludi — l-istess kienet tkun smentita min-natura ta' l-att, minn fejn jidher li l-konvenut kien qiegħed jittrasferixxi bħala bejjiegħ in konġunzjoni ma' l-oħrajn ħaġa li huwa kien assolut proprjetarju tagħha għar-raġunijiet addotti fl-istess kuntratt, u li huwa kellu 'n komune magħhom, u dana apparti, jingħad għall-grazzja ta' l-argument, dak li hemm imniżżel fl-aforisma legali li "protestatio actui contraria nihil operatur" u "contra actum protestatio non valet" (ara wkoll Kollez. Volume V, paġina 314, P.A. Ċivili, 9 ta' April 1870, in re "Muscat vs. Miller nomine");

Illi dina l-kwistjoni kienet tqum l-istess anki kieku dik il-vendita kellha tiġi annullata minħabba f'xi vizzju estraneu għall-kontenut tal-kuntratt, peress li l-att annullat jista' jibqa' jkollu saħħa ugwalment bħala aċċettazzjoni taċita u in kwantu li dik in-nullità ma tagħtix lok għall-applikazzjoni talprinċipju "quod nullum est nullum producit effectum"; l-għaliex l-istess nullità ta' l-att tkun dovuta għal vizzju estraneu u li ma għandux x'jaqsam mal-kontenut tiegħu;

Illi kieku l-kliem adoperat fil-kuntratt kellu jkollu l-effikaċja li jippreżerva u jikkonserva fl-attriċi d-dritt ta' l-impunjazzjoni "de quo agitur", kien ikollna l-assurd ġuridiku li, almenu mill-kwota tagħha mill-wirt tad-decujus, u li għaddiet fil-konvenut in forza tat-testment in kontestazzjoni, u ċjoè għall-kwota ta' parti l-waħda minn sitta u ħamsin (1/56), l-attriċi kienet tkun qiegħda tixtri ħaġa ta' proprjetà tagħha, mentri skond il-Liġi 16, Digesto, tit. "suae rei emptio non valet, sive sciens sive ignorans emerit"; il-għaliex jekk huwa skond id-dritt u d-dottrina li l-kuntratt tal-komprovendita jikkonsisti fl-obligazzjoni li l-venditur jikkontraji li jagħti l-ħaġa mibjugħa lill-kumpratur, bil-konsegwenza leġittima u naturali li l-istess kumpratur isir kreditur tal-ħaġa li tkun ġiet mibjugħa lilu, kif huwa evidenti, dana ma jistax javvera ruħu fir-rispett ta' ħaġa li tkun diġà tappartjeni lill-kumpratur, li ma jistax ikun kreditur tal-ħaġa tiegħu, u lanqas ma jkun jista' jitlob dik l-istess ħaġa li tkun diġa fil-poter tiegħu;

Illi dana r-raġunament, għalkemm ċirkoskritt għall-kwo-

ta li qiegħda għand il-konvenut bħala l-eredi universali u assolut ta' martu, *juri wkoll biċ-ċar il-valur effimeru tar-ripjeg użat*;

Illi meta l-attriċi xtrat il-kwota tal-fond "de quo" minn għand il-konvenut, u ħallsitu, *bħala eredi assolut ta' oħtha in forza tat-testment li l-lum qiegħda timpunja bħala inoffiċjuż*, hija ma setgħetx, b'dak l-att ta' bejgħ volontarju, ekwivokat li ma kienetx qiegħda tixtri *dak li fil-fatt* xtrat minn għand il-konvenut mhux fil-kwalità msemmija u bħala komunista mal-vendituri l-oħra u magħha stess. Il-kunsens tagħha kien marbut ma' dak il-fatt, li jirriżulta fil-kuntratt, neċessarjament, u kwindi impliċitament imniżżel miegħu, li hija riedet tagħmel l-akkwist skond l-interess tal-mument a skapitu ta' l-interess li kienet taf li *kellha li timpunja t-testment*; u jekk ħallset fil-waqt tal-vendita l-interess ta' l-akkwist jipprevali fuq l-interess ta' l-impunjazzjoni, il-lum hija ma għandhiex id-dritt terġa' lura pentita minn dak li allura għamlet volontarjament *bil-pjena konjizzjoni tal-kawża*;

Illi argument ieħor favur it-teżi konvenuta jirrisjedi filkonsiderazzjoni li ġeneralment l-attijiet ta' *eżekuzzjoni volontarja huma dawk li l-parti li tgħaddi għalihom setgħet liberament ma tagħmelx u ma tgħaddix għalihom bla ma tkun b'xi mod preġudikata*. Infatti xi preġudizzju kienet issofri l-attriċi kieku *hija ma għamletx dak l-akkwist?* Ir-risposta li ma kienetx issofri ebda preġudizzju hija tant palmari u evidenti li ma hemmx bżonn ta' min joqgħod jagħti ebda raġunijiet *għaliha*. *Kien ikun divers il-każ* kieku dik il-vendita ġiet imposta miċ-ċirkustanzi tal-pożizzjoni tagħha fuq l-attriċi, l-għaliex allura dik l-eżekuzzjoni ma kienetx forsi tista' tingħad li kienet volontarja. *Imma l-att ta'* l-akkwist ta' l-attriċi kien fatt ġdid, separat u indipendenti mill-att annullabili jew li ġie attakkat bin-nullità, u kwindi naturalment, loġikament u ġuridikament, la *ġie magħmul* volontarjament, kien *suffiċjentement* effikaċi u potenti sabiex tiġi manifestata l-volontà ta' l-awturi tiegħu; u għandu jkollu bħala konsegwenza l-fini li jissana kwalunkwe *nullità*, jekk huwa veru li l-*intenzjoni tal-partijiet* titnissel mill-attijiet tagħhom;

Illi argument ieħor ta' indoli ġuridika u xjentifika, għalkemm fil-każ konkret in diskussjoni jista' ma jkunx jidher ta'

indoli prattika minħabba fil-fattispeċje tal-każ, huwa bażat fuq in-natura ta' l-azzjoni rexissorja u l-effetti tagħha. Infatti l-ewwel konsegwenza ta' l-azzjoni tan-nullità hija appuntu dik li l-partijiet implikati għandhom jiġu rimessi fl-istat pristinu ta' qabel il-kuntratt. Dan jimplika r-ritorn tal-ħaġa fin-natura, u mhux, flok ir-ritorn tal-ħaġa in natura, l-ekwivalenti tagħha rappreżentat mill-"id quod interest". Issa, bil-komprovendita li saret mill-attriċi, li kienet taf li setgħet tippromwovi l-azzjoni tan-nullità tat-testment "de quo", hija stess volontarjament qiegħdet lill-konvenut fl-impossibilità li huwa jadempixxi l-kondizzjoni l-aktar naturali ta' l-annullament tat-testment, u ċjoè li huwa jirritorna in natura, kif għandu jagħmel, il-ħwejjeġ kollha tal-wirt. Intant, wara li qegħditu f'dina l-pożizzjoni, il-lum qiegħda titlob in-nullità; u mhux forsi raġjonevoli li jingħad li min ried jikkrea dina l-impossibilità ried jeżegwixxi l-att li huwa null? Jista' jingħad li l-konvenut jista' jiġi kostrett jirritorna lill-attriċi l-flus jew prezz li l-attriċi ħallset fuq l-att in korrispondenza għall-kwota li huwa ittrasferixxa, bħala li wiret minn għand martu, konġuntament u "in solidum" mal-venlituri l-oħra; imma dak mhux ġuridikament il-veru effett ta' l-azzjoni tan-nullità, il-għaliex, se maj, il-konvenut irid jerġa' jixtri minn għand l-attriċi dik il-kwota mhux aktar bħala werriet ta' martu, u jikkunsinnalha u jirritornaha mal-ħwejjeġ l-oħra ta' l-eredità; u b'hekk, anki di fronti għat-terzi, fir-Reġistru Publiku l-oppożizzjoni tkun tidher u jkollha aktar, kif għandu jkollha, mill-verità ta' l-affarijiet, u tkun aktar teknikament perfetta skond ma timponi u trid il-liġi in bażi għall-effetti ta' l-azzjoni rexissorja;

Illi l-liġi tagħna, fl-art. 231 (2) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 tal-Liġijiet ta' Malta, bħall-Kodiċi Franċiż artikolu 892, tikkontempla l-każ ta' eżekuzzjoni volontarja bħala ratifika taċita, li timpedixxi u tippreġudika f'min jagħmilha mill-azzjoni ta' rexissjoni għal dolo u vjolenza. Din id-dispożizzjoni, il-għaliex il-leġislatur ried biha jissanċixxi regola ġenerali, kif huwa sostnut fid-dottrina (ara Rognon, Code Civil Expliqué, Paris, Alex. Gobet 1831, kumment għall-art. 892), hija applikabili wkoll għall-każ ta' leżjoni, ta' l-iżball (error), et similia. Dina d-dispożizzjoni ma tikkonfermax forsi li anki l-leġislatur ried li ma jkunx hemm id-dritt ta' l-annullament

f'min irrenda *impossibili* dak l-istess *annullament* bl-eżekuzzjoni tiegħu volontarja, jew f'min ikun ried jeżegwixxi l-att null b'mod li l-*annullament* isir impossibili? Ir-risposta affermativa għal dawna l-mistoqsijiet hija l-unika espressjoni li r-raġuni u l-loġika għandhom *jammettu*;

Illi ma hemmx kwistjoni li b'dak l-att tal-bejgħ il-konvenut għamel att ta' eredi tal-wirt u suċċessjoni ta' martu, u *l-intervent ta'* l-attriċi f'dak l-att sabiex tixtri l-oġġett komuni, li anki fih kienet tidħol il-porzjoni tal-fond li kienet għand il-konvenut *bħala li* kien immissel f'dik is-*suċċessjoni*, kif ukoll il-patt tal-kumpens tal-War Damage Commission għall-ħsarat tal-post *mibjugħ* u dwar il-kera stipulat favur l-attriċi u l-garanzija solidali u ipotekarja għall-paċifiku pussess tal-vendituri kollha, aċċettata *minn* żewġha għaliha, ma setgħux kienu motivati għal ħaġa oħra ħlief għall-effettwazzjoni tal-vendita, b'mod li l-intervenuti kollha ġew esplicitament u *volontarjament jaċċettaw* bla kontestazzjoni li huwa (il-konvenut) eżerċita d-drittijiet tiegħu bħala werriet ta' ohthom, anzi *esklużi il-fatt li* fil-garanzija ipotekarja ġenerali ta' ħwejġu preżenti u futuri kienu wkoll jidħlu l-beni ereditarji l-oħra tad-decujus *li sal-bejgħ kienu* għadhom f'idejh. Konformement ġie deċiż mill-Qorti tal-Kassazzjoni ta' Torin, fejn intqal li "si ha esecuzione volontaria per parte dell'erede legittimo se egli interviene all'atto con cui l'erede testamentario, contraendo un mutuo passivo, dà ipoteca sui beni dell'eredità che dichiara di accettare". Ara Annali della Giurisprudenza Italiana, Vol. IX, 3 ta' Ġunju 1875, in re "Ballini vs. Caporali ed altri", *Parte I, paġ.* 290, *riportata* wkoll fil-*Fadda* taħt il-kumment ta' l-art. 1311, no. 174, għalkemm bi żball l-isem ta' l-attur huwa *riportat* bħala Baldini (recte kif jidher mill-Annali, fejn is-sentenza hija riportata "in extenso", għandu jkun "Ballini");

Illi dwar id-dikjarazzjoni tal-provenjenza tal-post mibjugħ fil-kuntratt imsemmi, fil-każ in *diskussjoni* ma jistax jingħad, għar-raġunijiet hemm imsemmija għall-ammissjoni ta' l-azzjoni tan-nullità u konsegwenti riġett ta' l-eżekuzzjoni *volontarja taċita*, dak li *ntqal fid-deċiżjoni tal-Qorti ta'* l-Appell tal-21 ta' Mejju 1909 in re "Concetta Desira vs. Napoleone Caruana *Dingli*" (Kollez. Vol. XX, Parte I, paġ. 199) li dik

id-dikjarazzjoni per sè ma tistax *ħlief* timporta fil-każ tal-lum ix-xjenza biss ta' l-eżistenza tat-testment diskuss; il-għaliex fil-każ odjern l-attriċi ma ġietx istigata minn ħadd sabiex takkwista *dak li hija fil-fatt akkwistat*, u l-kontenut ta' l-att ta' l-aħħar volontà ta' oħtha kien biżżejjed nòt u konoxxut minnha, kif ukoll kienu a konjizzjoni tagħha qabel il-vendita l-provi *li hija* l-lum ġiebet sabiex twaqqa' t-testment ta' oħtha; u del resto b'dawka l-konoxxenzi u b'dika x-xjenza hija volontarjament aderiet *għall-vendita* b'mod li "a contrariis" dika s-sentenza tikkonferma, fil-każ konkret tal-lum, l-opinjoni mħaddna u abbraċċjata mill-Qorti;

*Illi d-diffikoltà tal-kwistjoni riżoluta* timmerita temperament fil-kap ta' l-ispejjeż;

Rat in-nota ta' *l-appell ta' l-*attriċi, u rat il-petizzjoni tagħha, fejn talbet li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi tiġi revokata fejn iddikjarat irriċevibili *l-azzjoni* ta' l-attriċi *minħabba ratifika tat-testment*, u tiġi *konfermata* għall-kumplament; u konsegwentement tiġi respinta l-imsemmija eċċezzjoni u, wara li, jekk *jidhrilha*, tidħol fil-meritu, jiġu milqugħa d-domandi ta' l-attriċi; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi erbgħa huma l-aggravji miġjubin 'il-quddiem mill-appellanti kontra r-ratifika tat-testment impunjat, ammessa mill-Ewwel Qorti. Dawn l-aggravji huma :— 1. Li t-testment ta' persuna nkapaċi minħabba insanità tal-moħħ huwa ineżistenti, u mhux sempliċement annullabili; 2. li nullità ta' din ix-xorta, derivanti mill-inkapaċità tal-persuna, hija ta' ordni publiku, *u għalhekk ma tistax tiġi* ratifikata; 3. li *kienet* tonqos fl-appellanti l-volontà li tirratifika t-testment; 4. li għad li l-istess appellanti *kellha xi suspetti* li t-testatriċi ma kienetx f'sensiha meta għamlet it-testment, ma kellhiex, meta sur is-sussegwenti att tax-xiri, l-assikurazzjoni tat-Tabib Ugo Galea *li ġagħlitha ġġib 'il-quddiem dina* l-kawża;

Ikkunsidrat fuq l-ewwel aggravju;

Illi taħt it-Titolu "Fuq *ir-Rexissjoni* tal-Kuntratti" il-Kodiċi Ċivili, fl-artikoli 1271, 1272, 1273, 1274 u 1275, jirregola l-konferma jew ratifika ta' atti li kontra tagħhom setgħet

tiġi esperita l-azzjoni jew l-eċċezzjoni tar-rexissjoni. Għalkemm għall-każ in eżami hija applikabili d-dispożizzjoni ta' l-art. 1275, għall-interpretazzjoni sewwa tagħha hemm bżonn li tiġi kollegata u mfissra ma' dawk tad-dispożizzjonijiet preċedenti, in bażi għall-kanoni ta' interpretazzjoni "incivile est, nisi tota perspecta lege, una aliqua particula ejus proposita, judicare vel respondere". L-ewwel artikolu (1271) jistabbilixxi l-effetti tar-ratifika bejn il-kontraenti mingħajr preġudizzju tad-drittijiet tat-terzi. L-artikolu 1272 jgħid li biex il-konferma jew ratifika jistgħu jittieħdu bħala rinunzja għall-azzjoni tar-rexissjoni, hemm bżonn li jiġi pruvat li min għamel il-konferma jew ir-ratifika kien jaf bid-difett li jagħti lok għal dik l-azzjoni. L-artikolu 1273 jiddisponi li l-konferma jew ratifika tista' ssir taċitament, jiġifieri bl-eżekuzzjoni volontarja ta' l-obligazzjoni li kontra tagħha l-liġi tagħti l-azzjoni ta' rexissjoni, jew b'attijiet oħra li juru l-intenzjoni li jingħata effett għall-obligazzjoni. L-artikolu 1274 jiddisponi li l-konferma jew ratifika ta' att li l-liġi espressament tannulla minħabba nuqqas ta' formalità għandha ssir b'att ieħor li jkollu formalitajiet kollha meħtieġa. Iżda, skond l-art. 1275, l-imsemmija dispożizzjoni ta' l-artikolu ta' qabel (1274) ma tgħoddx għall-każijiet ta' konferma jew ratifika ta' donazzjoni jew ta' dispożizzjoni ta' testment magħmulin wara l-mewt tad-donant jew testatur mill-werrieta tiegħu jew minn persuni oħra li d-drittijiet tagħhom ikunu ġejjin mid-donant jew mit-testatur. F'dan il-każ, il-konferma jew ratifika, għalkemm magħmula taċitament mill-werrieta jew minn dawk il-persuni l-oħra, iġibu r-rinunzja tagħhom għall-azzjoni jew eċċezzjoni tar-rexissjoni;

Illi l-imsemmi art. 1275 jikkorrispondi sostanzjalment għall-art. 1311 tal-Kodiċi Ċivili Taljan, u għalhekk il-kommenti għal dan ta' l-aħħar iservu għall-aħjar interpretazzjoni ta' dak ta' qabel. Fil-kumment tiegħu għal dak l-art. 1311 l-Borsari (Commentario del Codice Civile Italiano, Vol. III, parte II, pag. 792) jgħid hekk:— "Anche una disposizione testamentaria difettosa nella forma può essere accettata dagli eredi e dai legatari. Il motivo non è diverso. E così diciamo in generale per qualunque altro vizio che darebbe luogo ad una azione di nullità. Alle eccezioni dedotte dalla inca-

pacità del testatore, dalle sorprese in cui potrebbe essere caduto testando, dalla indegnità dell'erede istituito o legatario che ne fu colpevole, dall'eccesso per abuso della disponibile, e via discorrendo, si può rinunziare, purchè cognizione si abbia di codesti diritti, che ci riescono pertanto indifferenti";

Il-Giorgi (Teoria delle Obbligazioni, Vol. VIII, pag. 309), jgħid li: "l'articolo 1311 si applica (a) ai vizi di forma, (b) a tutte le altre eccezioni che possono invalidare il testamento o la donazione, e (c) riguarda ogni specie di conferma, espressa o tacita". U iżjed 'il-quddiem ikompli :— "Diciamo qualunque altra eccezione, perchè così dispone l'articolo 1311. E qui nulla di nuovo, se si tratta di una eccezione derivante da un vizio che il donante avrebbe potuto egli stesso sanare con atto di conferma: per esempio, l'errore. Ma la disposizione va più innanzi, perchè, non distinguendo eccezione da eccezione, comprende anche le nullità scritte nell'interesse degli eredi e degli aventi causa";

Ir-Ricci (Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile, Vol. IV, pag. 476) jagħmel il-komment hawn taħt migjub :— "Al principio enunciato, a quello cioè che l'atto inesistente non può essere confermato, la legge fa eccezione in riguardo agli eredi del donante; la conferma, così la legge nell'articolo 1311, ratifica o esecuzione volontaria di una donazione o disposizione testamentaria, per parte degli eredi o aventi causa del donante o del testatore, dopo la morte di lui, include la loro rinunzia ad opporre i vizi delle forme e qualunque altra eccezione. Non v'ha dubbio che tra i vizi che possono essere sanati per effetto della conferma o ratifica degli eredi del donante si comprendono pur quelli che fanno considerare l'atto come inesistente; dappoichè le espressioni che si leggono nell'articolo citato sono concepite nei termini i più ampi, per modo che non potrebbe nel testo del medesimo introdursi una distinzione che non vi si legge, senza cadere nell'arbitrio. Può sembrare strano, e realmente è tale, che la legge ammetta la convalidazione di un atto inesistente, essendo che si prova ripugnanza nell'ammettere il concetto che il nulla possa essere, anche in via di eccezione, suscettibile di essere confermato o ratificato; ma per quanto dura e strana apparisca la leg-

ge, essa è sempre legge, ed il compito dell'interprete è quello di spiegarla, anzicchè di condannarla";

Applikazzjoni tal-principji fuq enunċjati tinsab fis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re fis-7 ta' Jannar 1891, in re "Gioacchino Caruana nomine vs. Vincenzo Depiro et." (Kollez. Vol. XII, pag. 566), fejn ġiet eskluża t-talba għan-nullità ta' testment, minħabba l-inkapaċità dovuta għall-mard mentali tat-testatriċi, billi rriżulta li l-atturi aċċettaw volontarjament il-legati lilhom imħollija mill-istess testatriċi meta huma f'dak iż-żmien kienu jafu bil-vizzju li bis-saħħa tiegħu kienu qegħdin jimpunjaw it-testment. Għalkemm fl-imsemmi volum tal-Kollezzjoni jinsab riportat li dik is-sentenza kienet ġiet appellata, iżda dak l-appell ġie rinunzjat b'nota preżentata fir-Reġistru fis-17 ta' Marzu 1891;

Illi, in bażi għal dak li ntqal fuq, ma tistax tiġi aċċettata l-pretensjoni ta' l-appellanti li testment ta' persuna pretiża mentalment marida ma jistax jiġi konfermat u ratifikat wara l-mewt tagħha mill-werrieta ta' l-istess testatriċi; u għalhekk l-ewwel gravam kontra s-sentenza appellata ma jirriżultax ġustifikat;

Ikkunsidrat fuq it-tieni aggravju;

Illi huwa veru li testment magħmul minn persuna mentalment marida huwa null; iżda sakemm dik in-nullità ma tiġix dikjarata, l-eżistenza materjali tiegħu ma tistax tiġi diskonoxxuta. Min-naħa l-oħra, kulħadd huwa liberu li jirrinunzja għad-dritt li jesperixxi azzjoni ta' nullità, meta dina tkun tissussisti fl-interess esklużiv tiegħu; billi huwa magħruf li "unicuique licet juri in suum favorem introducto renuntiare". Konsegwentement, in tema ġenerali tad-dritt, in-nullitajiet bażati fuq l-interess privat jistgħu jiġu sanati bir-ratifika jew konferma; u huwa evidenti li n-nullità addotta mill-appellanti hija bażata fuq l-interess privat, u mhux fuq l-interess publiku. Għaldaqshekk anki t-tieni gravam ta' l-appellanti huwa bla bażi u mhux aċċettabili;

Ikkunsidrat fuq it-tielet aggravju;

Illi t-testment impunjat sar fit-22 ta' Diċembru 1944 (fol. 5), u bih it-testaturi istitwew u innominaw lil xulxin u reċiprokament eredi universali u proprjetarji assoluti. Fl-24 ta'

Novembru 1945, b'att ricevut minn Nutar Dottor Giorgio Borg Olivier (fol. 89), l-appellanti akkwistat minn għand ħutha Salvatore, Paolo, Carmela, Giovanna, Concetta u Agata, u minn għand l-appellat John Doublesin, solidalment bejniethom, seba' ottavi indiviżi, jew kwalsijasi kwota oħra verjuri, li kellhom flimkien, mill-ewwel appartament tal-fond numru 147 Triq San Domenico, l-Belt. Fl-istess kuntratt ġie dikjarat li l-fond trasferit ġie lill-venditturi aħwa Scicluna, lil Mary Doublesin u lill-kumpratrici, imħolli b'legat mill-Monsinjur Kanoniku Giorgio Scicluna. Ġie wkoll dikjarat li l-imsemmija Mary Doublesin mietet fit-23 ta' Diċembru 1944, u in forza ta' testment fl-atti tan-Nutar Victor Miller tat-23 ta' Diċembru 1944 innominat eredi universali tagħha lill-venditur Sur John Doublesin. Minn dana l-fatt il-konvenut appellat irid jiddesumi r-ratifika, da parti ta' l-appellanti, tat-testment impunjat; u kontra dina l-pretensjoni l-istess appellanti bdiet biex opponiet li k'ienet tonqos fiha l-volontà li tagħmel ir-ratifika allegata. Skond il-liġi (art. 1273 fuq ċitat), dina r-ratifika mhux neċessarju li tkun espressa, iżda tista' ssir taċitament, meta tirriżulta minn fatti u atti li juru inekwivokament l-volontà jew l-intenzjoni fil-persuna li tagħmilhom li tirrinunzja għall-azzjoni tar-rexissjoni u li tagħti effett għall-obligazzjoni;

Illi meta l-appellanti, kif ingħad fuq, xtrat minn għand l-appellat sehmu mill-appartament fuq imsemmi, u rrikonoxxiet li dak is-sehem ġie lilu mill-wirt ta' martu Mary Doublesin, li tagħha bit-testment tat-22 ta' Diċembru 1944 kien ġie nominat eredi universali u proprjetarju assolut, u ħallsitu ta' dak is-sehem, hija wriet b'mod li ma jista' jagħti lok għal ebda ekwivoku li kienet tapprova, jew almenu takkweta ruħha għal dik id-dispożizzjoni testamentarja, li l-lum qiegħda timpunja bħala nofficjuża. B'dak l-att ta' bejgħ, li kien att volontarju da parti ta' l-appellanti, dina wriet bil-mod l-iżjed ċar li kienet qiegħda tixtri minn għand il-konvenut bħala eredi universali ta' martu Mary Doublesin; u dan k'en jimporta r-rikonoxximent ta' dik il-kwalità ereditarja fl-istess konvenut u l-intenzjoni tagħha li tirrispetta dik id-dispożizzjoni testamentarja. Iżda l-appellanti, kif jidher mir-raba' aggravju miġjub 'il quddiem fil-petizzjoni, qiegħda tallega li

ma kienetx taf bil-vizzju li hija tippretendi jġib għan-nullità tat-testment impunjat *meta għamlet* l-imsemmi att tal-bejgħ tal-24 ta' Novembru 1945;

Ikkunsidrat fuq dak il-raba' aggravju;

*Illi, kif sewwa* jingħad fis-sentenza appellata, tant fil-konferma jew ratifika taċita, kemm f'dik espressa, irid ikun hemm ix-xjenza tal-vizzju, billi "voluntas non fertur ad incognita". Għalkemm fl-art. 1275, li huwa dak applikabbli għall-każ in eżami, ma jingħad xejn fuq hekk, iżda għar-raġunijiet imfissrin *żjed 'il fuq* dak l-artikolu għandu jittieħed flimkien ma' l-artikoli ta' qablu (1272 u 1273 tal-Kodiċi Ċivili); u minnhom toħroġ l-interpretazzjoni loġika u naturali li anki għall-konferma jew ratifika, tant espressa kemm taċita, imsemmija fl-art. 1275, hemm bżonn li jkun hemm ix-xjenza tal-vizzju fil-konfermant, biex il-konferma jew ratifika da parti tiegħu jkollha effett legali u tkun tiswa;

Illi mill-provi li saru hemm biżżejjed biex jiġi ritenut li l-appellanti kienet taf, sija direttament u sija per mezz ta' ħutha u ta' żewġha, bil-pretiż vizzju li bis-saħħa tiegħu qiegħda timpunja t-testment ta' oħtha Mary Doublesin, minn qabel ma *sar* l-att tal-bejgħ tal-24 ta' Novembru 1945. Dana jirriżulta mill-atti tal-proċess, imma, kif sewwa osservat l-Ewwel Qorti, jidher li l-provi nressqin u li huma ta' sustanza jagħmlu riferenza għall-istat tad-decujus fl-aħħar granet ta' ħajjitha u għal dak li ssuċċieda minn dak iż-żmien sad-data ta' *l-att tal-bejgħ; u dak li* l-appellanti u żewġha wrew li jafu l-lum, f'dina l-kawża, kienu evidentement jafuh qabel ma sar l-att tal-bejgħ. F'dana l-istadju l-appellanti qalet li hija ġiet *indotta* tagħmel dina l-kawża mill-assikurazzjoni li kellha minn Dr. Ugo Galea wara li sar dak l-att. Iżda, apparti li l-appellanti ma għamlet l-ebda menzjoni ta' dik l-assikurazzjoni fix-xhieda tagħha (fol. 114 tergo), u apparti milli l-Qorti mhix sodisfatta li ġiet mogħtija dik l-assikurazzjoni, huwa ċert li, biha jew mingħajrha, l-appellanti minn żmien qabel ma sar l-att tal-bejgħ fuq imsemmi kienet edotta biċ-ċirkustanzi kollha li, skond il-fehma tagħha, it-testment ta' oħtha Mary Doublesin seta' jiġi infiċjat minħabba l-pretiża infermità mentali tat-testatriċi. Għalhekk, meta hija rratifikat taċitament dak *it-testment*, wara l-mewt tat-testatriċi,

hija għamlet hekk bix-xjenza tal-vizzju, jew pretiż vizzju, kapaċi b'ex jinficja d-dispożizzjonijiet testamentarji dettati minn mart il-konvenut appellat fl-atti tan-Nutar Victor Miller tat-22 ta' Diċembru 1944;

Ikkunsidrat;

*Illi għar-raġunijiet fuq migjuba* u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, li huma adottati, l-appell ta' l-attriċi ma jistħoqqlux jiġi milqugħ u għandu jiġi miċħud;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-appell, u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re fl-20 ta' Ottubru 1950; bl-ispejjeż ta' dina l-istanza kontra l-attriċi appellanti.